

Brussell, 9 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

6911/26

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
**2025/0227 (COD)**  
**2025/0555 (COD)**  
**2025/0240 (COD)**

---

**CADREFIN 93**  
**FIN 349**  
**POLGEN 52**

#### **NOTA**

---

|          |   |
|----------|---|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                      |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                         |
| Suġġett: | Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034: aspetti ta' governanza |

---

#### **INTRODUZZJONI**

1. Fis-16 ta' Lulju u fit-3 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' proposti leġiżlattivi għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034 bl-għan li jkun hemm baġit aġli sabiex il-kapaċità tal-infiq tiġi allinjata mal-prijoritajiet ta' politika li qed jevolvu. Għaldaqstant, il-flessibbiltà hija aspett ewlieni tal-QFP propost flimkien ma' prevedibbiltà adegwata għall-investimenti fit-tul.
2. Il-proposta tintroduċi struttura aktar simplifikata, b'għadd imnaqqas ta' intestaturi u programmi. Tippredvi wkoll flessibbiltà mtejba fil-programmi u bejniethom permezz ta' mekkaniżmi bħal possibbiltajiet ta' riprogrammazzjoni, buffers finanzjarji, strumenti speċjali u żieda fil-marġnijiet mhux allokat.

3. Barra minn hekk, sabiex jiġu massimizzati l-effettività u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni, ser ikun importanti li l-arranġamenti ta' governanza jqisu t-tagħlimiet meħuda mill-infiq tal-UE fil-perjodu 2021-27. Hemm appelli biex jiġi evitat piż amministrattiv addizzjonali, kif ukoll biex tiġi massimizzata l-ħeffa tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Fl-istess ħin, sa issa, hemm appoġġ wiesa' għal rwol imsaħħaħ tal-Istati Membri u tal-Kunsill, li għandu jiġi implimentat b'mod li jissalvagwarda l-bilanċ istituzzjonali u l-prerogattivi u r-rwoli tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni skont it-Trattati, fosthom ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

## **GOVERNANZA FIL-PROPOSTI**

4. Fil-qafas tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, il-kwistjonijiet ewlenin ta' governanza huma relatati mal-bilanċ fir-rwoli bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Kunsill, b'mod partikolari dwar l-adozzjoni u l-emendar tal-pjanijiet.
5. Barra minn hekk, fir-rigward tal-Faċilità proposta tal-UE, l-Istati Membri jappellaw għal involviment aktar b'saħħtu tal-Kunsill fl-għażla tal-azzjonijiet u d-determinazzjoni tal-allokazzjonijiet finanzjarji kif ukoll rwol għall-Istati Membri fl-istadju ta' implimentazzjoni. Talbiet ulterjuri huma marbuta mal-ħtieġa li jiġu ċċarati l-proċeduri ta' attivazzjoni u ta' mobilizzazzjoni biex jittejbu t-trasparenza u l-prevedibbiltà għall-użu tar-"riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti".
6. Kwistjoni komuni fil-governanza tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-Istrument Ewropa Globali hija t-tmexxija strateġika. Hemm appelli għal involviment upstream u teħid ta' deċiżjonijiet aktar ċari mill-Kunsill u l-Istati Membri dwar il-prijoritajiet, l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni, kif ukoll rappurtar prevedibbli u flussi ta' informazzjoni. Barra minn hekk, qed tiġi diskussa d-dimensjoni tal-governanza tal-interazzjoni bejn il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u Orizzont Ewropa. Barra minn hekk, skont l-Istrument Ewropa Globali, hemm appoġġ wiesa' biex jiġu ċċarati r-regoli ta' attivazzjoni għall-mekkaniżmi ta' flessibbiltà, fosthom ir-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti.

7. Filwaqt li ser ikun meħtieġ li jiġi evitat il-ħolqien ta' silos ġodda, jiġi ppreservat approċċ integrat u tinżamm biżżejjed flessibbiltà, hemm appoġġ wiesa' għal arranġamenti ta' governanza aktar ċari u msaħħa li jkopru ċ-ċiklu sħiħ mill-fażi ta' tħejjija sal-implimentazzjoni mingħajr ma jiżdied piż amministrattiv bla bżonn.

### **MISTOQSIJET GĦALL-MINISTRI**

8. Il-ministri huma mistiedna jirriflettu dwar l-arranġamenti ta' governanza prinċipalment taħt it-tliet strumenti ta' finanzjament ewlenin (il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-Ewropa Globali) meħtieġa biex jiġu żgurati t-trasparenza, l-irfiġh tar-responsabbiltà u l-implimentazzjoni effettiva, filwaqt li tinkiseb l-effiċjenza u jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn.

*Bagħit tal-UE modernizzat u aktar flessibbli jeħtieġ governanza msaħħa, filwaqt li jiġi ppreservat il-bilanċ interistituzzjonali.*

- *Kif jistgħu l-arranġamenti ta' governanza jipprovdu tmexxija strateġika adegwata mill-Kunsill, u sjieda politika mill-Istati Membri, filwaqt li jiżguraw twettiq u implimentazzjoni effettivi li jissalvagwardaw il-flessibbiltà operazzjonali meħtieġa, u jirrispettaw il-qafas istituzzjonali?*
- *Kif tista' titfassal il-governanza biex tippreserva l-ħeffa, l-effiċjenza, it-trasparenza u l-kontabbiltà filwaqt li tevita kwalunkwe piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn?*